# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI SENA** **STORJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**1. Qabbel iż-żewġ listi. L-ewwel waħda ġiet mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Kappella troglodita | | Dar Normanna |
| 2 | Cittadella | | Tpinġija direttament fuq il-ħajt |
| 3 | Palazzo Falzon | | Marda qerrieda |
| 4 | Ħal Xluq | | Limiti ta' Ħad-Dingli |
| 5 | Knisja ta' San Girgor | 1 | Kappella maqtugħa fil-blat samm |
| 6 | Affresk | | Servizz ta' difiża |
| 7 | *Castrum Maris* | | Sid fewdatarju |
| 8 | Għar il-Kbir | | Raħal tal-medjuevu |
| 9 | Il-pesta | | Torri fil-Birgu |
| 10 | Id-dejma | | Fiż-Żejtun |
| 11 | Gonsalvo Monroi | | Fortifikazzjoni f'Għawdex |

**(1x10=10 marki)**

**2. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ**

2.1. Fir-Rinaxximent sar progress kbir fl-arti. ______________________

2.2. Ir-Rinaxximent beda fl-Italja. ______________________

2.3. Matul ir-Rinaxximent saret is-sejba tal-elettriku. ______________________

2.4. San Tumas t'Akwinu kien pittur tar-Rinaxximent. ______________________

2.5. Leonardo da Vinci kien inventur u pittur. ______________________

2.6. Il-Knisja ta' San Pietru f'Ruma nbniet fir-Rinaxximent. ______________________

2.7. Rafaello għamel l-istatwa ta' Mose`. ______________________

2.8. Nicolo` Macchiavelli kien skulur. ______________________

2.9. Neriku n-Navigatur kien prinċep Portugiż. ______________________

2.10 Bartolomew Diaz ivvjaġġa saċ-Ċina. ______________________

**(1x10= 10 marki)**

**3. Ħares lejn l-istampa, aqra u wieġeb il-mistoqsijiet**



Biex tikkumbatti l-ereżija, il-Knisja Kattolika kellha tinbidel maż-żminijiet. Twaqqfet is-Soċjeta` ta' Ġesu` biex tgħallem u teduka lin-nies u b'hekk tonqos l-injoranza fit-tagħlim tar-reliġjon. Il-patrijiet Dumnikani ġew fdati bl-Inkwiżizzjoni biex jikkoreġu u, jekk ikun meħtieġ, jikkastigaw lil dawk li jkunu waqgħu fl-ereżiji. B'dawn iż-żewġ metodi, bdiet tittaffa xi ftit mill-ħsara li kienet saret permezz tar-Riforma Protestanta. Beda l-perjodu magħruf bħala l-Kontro-Riforma.

3.1. Semmi **tliet** personaġġi li xerrdu l-Protestantiżmu fl-Ewropa.

_______________________________________________

_______________________________________________(3 marki)

3.2. Semmi żewġ pajjiżi fl-Ewropa fejn il-Protestantiżmu qabad l-għeruq u xtered.

_______________________________________________(2 marki)

3.3. Liema konċilju għen ħafna lill-Knisja Kattolika fil-Kontro-Riforma?

_______________________________________________(marka)

3.4. B'liema mod ieħor hija magħrufa wkoll il-Kumpanija ta' Ġesu`?

_______________________________________________(marka)

3.5. X'parti kellu San Injazju Loyola fis-Soċjeta` ta' Ġesu`?

_______________________________________________ (2 marki)

3.6. Spjega kif il-bini tal-Bażilika ta' San Pietru (fl-istampa) ġab firda kbira fost l-Insara.

____________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

3.7. Semmi żewġ raġunijiet (barra dik mogħtija f'numru 3.6.) għaliex bdiet u xterdet malajr ir-Riforma.

____________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

3.8. X'kienet l-Inkwiżizzjoni?

____________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

**(Total 15-il marka)**

**<u>4. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>**

*"Fl-1095, il-Papa Urbanu II mill-belt ta' Clermont fi Franza ħeġġeġ lill-Insara b'dan il-kliem: 'Kristjani, għaġġlu u għinu lil ħutkom tal-Lvant, għax dawn qegħdin jiġu attakkati. Armaw irwieħkom biex issalvaw lil Ġerusalemm, taħt it-tmexxija tal-kaptan tagħkom Kristu. Ilbsu s-sinjal tas-Salib u jekk tiġu maqtula, dnubietkom ikunu maħfura.'*
*Dal-kliem tal-Papa ġie milqugħ mis-slaten Insara li bdew iħejju għat-taqbida biex jeħilsu lil Ġerusalemm."*

4.1. X'nifhmu meta ngħidu l-'kruċjati"?

______________________________________________________(2 marki)

4.2. Għaliex il-Papa sejjaħ lill-Insara biex isalvaw lil Ġerusalemm?

________________________________________________________________(2 marki)

4.3. X'jissejħu n-nies li jagħmlu pellegrinaġġ reliġjuż?

________________________________________________________________(marka)

4.4. Liema Ordni reliġjuż (ta' Kavallieri) kien jieħu ħsieb is-saħħa tal-Insara fl-Art Imqaddsa?

________________________________________________________________( marka)

4.5. F'liema sena Malta għaddiet f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann?
(1520, 1530, 1540, 1551)______________________________________________(marka)

4.6. Għaliex taħseb li l-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom għalxiex jirringrazzjaw lill-Imperatur Karlu V?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

4.7. Fl-aħħar tad-diskors tiegħu l-Papa Urbanu II qal li kulmin kien se jmut fil-ġlied kienu se jinħafrulu dnubietu. Għaliex taħseb li qal hekk?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

4.8. Għaliex taħseb li n-nies fil-Medjuevu kienu lesti li jmutu għar-reliġjon tagħhom?

________________________________________________________________( marka)

4.9. Semmi ħaġa li għaliha baqa' magħruf is-sultan Saladin.

________________________________________________________________ (marka)

4.10. Liema simbolu kont tista' tara fuq l-uniformijiet tal-kruċjati Insara?

________________________________________________________________(marka)

4.11. Wara li spiċċaw il-Kruċjati, is-sitwazzjoni fl-Art Imqaddsa ftit tbiddlet. Għaliex?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

**(Total 16-il marka)**

**5. Wieġeb il-mistoqsijiet**

5.1. X'tifhem bil-'fewdaliżmu'?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

5.2. Semmi **żewġ** raġunijiet għaliex żviluppat din is-sistema.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

5.3. Semmi **żewġ** obbligi li kellu il-popolin taħt is-sidien fewdatarji.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

5.4. Min kien il-mexxej fewdatarju li saret rewwixta mill-Maltin kontrieh?

________________________________________________________________(marka)

5.5. X'kien ir-riżultat ta' din ir-rewwixta?

________________________________________________________________(marka)

5.6. X'kien 'il-Kunsill Popolari' jew 'il-Komun'?

________________________________________________________________(2 marki)

5.7. Semmi żewġ uffiċjali Maltin tal-Universita` tal-Imdina.

____________________________ ________________________________ (1, 1, marki)

5.8. Minn min kienet immexxija l-Universita`?

________________________________________________________________(marka)

5.9. X'kienet 'in-nafra'?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________(2 marki)

5.10. Min kien obbligat li jagħti sehem fid-Dejma?

______________________________________________________________________(marka)

**(Total 16-il marka)**

**6. Ħares lejn l-istampa, aqra u wieġeb.**



Fl-istampa għandek tara parti minn Forti li jinsab il-Belt Valletta.

6.1. Semmi żewġ difiżi li l-Kavallieri bnew jew saħħew qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565

_____________________________________________

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

6.2. X'konnessjoni għandu Dragut mal-gżira Għawdxija?

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

6.3. Qabel il-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-poplu Malti kien ibati ħafna. Għaliex?

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

6.4. Liema industrija (xogħol) kienet importanti ħafna f'Malta fil-Medjuevu?

______________________________________________________________________(marka)

6.5. Għaliex xi xjuħ, nisa u morda ntbagħtu Sqallija qabel l-Assedju l-Kbir?

________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

6.6. Ikteb paragrafu ta' ħames sentenzi dwar l-Assedju tal-1565.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________( 5 marki)

6.7. Għaliex taħseb li r-rebħa tal-Assedju l-Kbir hija importanti fl-istorja ta' Malta?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2 marki)

6.8. B'liema mod il-Viċirè ta' Sqallija għen lill-Kavallieri matul l-Assedju l-Kbir?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________( 2 marki)

**(Total: 18-il marka)**

**<u>7. Ikteb fit-tul fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:</u>**

7.1. X'kien il-kontribut tan-Normanni fl-Ewropa u f'Malta ?

7.2. Iddeskrivi kif kienet il-ħajja tal-Maltin taħt l-Aragoniżi.

7.3. Ir-Rinaxximent kien żmien ta' skoperti ta' postijiet. Ikteb dwar xi skoperta u għid kif is-sejba ta' postijiet ġodda għenet lin-nies tal-Ewropa.

**(15-il marka)**